**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Francesco Galea**

**Kawza numru: 6615/2024**

Illum, 4 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Francesco Galea** ta' 74 sena, bin Salvatore u Grazia xebba Aquilina, imwieled Dingli nhar is-27 ta' Dicembru 1949, residenti 32, Sherway, Flat 1, Triq San Trofimu, Rabat Malta ID:169749M; [1]

**Akkuzat** talli:

[1] Folio 1 u 2 tal-process

Nhar is-6 ta' Ottubru 2023 gewwa Triq il-Panoramika, akwati tal-Qaws l/o Dingli u/jew gewwa dawn il-Gzejjer Maltin b'imprudenza, b'negligenza jew inkompetenza:

1. Wettaqt jew ippermettejt li titwettaq xi attività li fl-opinjoni tal-Awtorita' setghet kienet ta' hsara ghal kwalunkwe eżemplari elenkati fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2018, dwar il-Harsien tas-Sigar u Msagar meta me kinietx koperta permess mill-Awtorita u dan bi ksur tar-Regolament 13 tal-istess regolamenti;

2. Minghajr il-permess minn qabel tal-Awtorita, hraqt, jew bi kwalunkwe mod qridt jew qtilt, immutilajt, iddistabilizzajt jew ghamilt hsara sinifikjanti, lil siġar jew parti minnhom elenkati fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Harsien tas-Sigar u Msagar, u dan bi ksur tar-Regolament 14 tal-istess regolamenti;

3. Tghajt in-nar lil siġar protetti bi ksur tar-regolament 17(1)(a) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Harsien tas-Sigar u Msagar;

4. Qabbadt nar qrib siġar elenkati fl-Ewwel Skeda u cioe aktar minn erba sigriet tal-Harruba Ceratonia Siliqua u Sigar tal-Prinjol Pinus Halepensis u dan bi ksurt tar-Regolament 17(1)(c) tar-Regolamenti 2018 dwar il-Harsien tas-Sigar u Msagar;

5. B'nuqqas ta' hsieb, traskuraġni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti tieghek, jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt hruq u/jew hsara involontarju ghad-dannu ta' Eric Scicluna u/jew Christian Galea u/jew terzi, bi ksur tal-Artiklu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. B'nuqqas ta' hsieb, traskuraġni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti tieghek, jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt periklu permess ta' hruq u dan bi ksur tar-regolament 6(2) tar-Regolament tal-2004 dwar attivitajiet tal-bniedem projbiti;

7. Qabbadt nar f'ghalqa tieghek innifsek qrib ghalqa ta' haddiehor fejn kien hemm prodotti li setghu jaqbdu u dan bi ksur tal-Artikolu 128(e) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. F'kaz ta' sejbien ta' htija, il-Qorti hija mitluba illi bis-sahha ta' regolament 29(2) tar-Regolamenti tal-2018 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar, timponi l-piena applikabbli taht paragrafu (vi)(a) u (b) tar-Raba' Skeda, u sabiex bbis-sahha tar-regolament 29(5) tal-istess Regolamenti tordna l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jikseb liċenzja, permessm awtorizzazzjoni jew clearance ghal żmien mhux inqas minn sena.[2]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il-kaz jirrelata dwar hruq ta' sigar fl-inhawi tal-Qaws, limiti ta' Had-Dingli nhar is-6 ta' Ottubru 2023. Jidher li l-pulizija irrikorrew fuq il-post u sabu lil sid l-ghalqa Eric Scicluna fejn qalilhom li sid l-ghalqa ta' magenbu beda jahraq xi haxix hazin, dan ix-xoghol ma ghamlux tajjeb u n-nar infirex fl-ghalqa tieghu.

L-imputat ikkonferma li vera kien haraq il-haxix fl-ghalqa tieghu.

[2] Folio 1 u 2 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**L-Atti Processwali.**

Xehed **PS 1404 Dale Cassar** fejn spjega li nhar is-6 ta' Ottubru 2023 kellu rapport dwar is-sigar li kienu qed jinharqu fl-inhawi tal-Qaws, limiti ta' Had-Dingli. Jidher li l-pulizija irrikorrew fuq il-post u sabu lil sid l-ghalqa Eric Scicluna fejn qalilhom li sid l-ghalqa ta' magenbu beda jahraq xi haxix hazin, dan ix-xoghol ma ghamlux tajjeb u n-nar infirex fl-ghalqa tieghu.[3]

Hu kellem ukoll lil Christian Galea fejn ikkonferma li ghall-habta tas- sitta u nofs ta' fil-ghodu (6.30 am) kien qieghed l-ghalqa u ra lil l-imputat inaddaf il-mansab u jahraq il-haxix hazin tal-istess mansab. Mar ukoll ghal f'xi n-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12.30 pm) u ra lil Frans hiereg mill-ghalqa bil-vettura.

L-imputat moghti id-drittijiet tieghu ikkonferma li haraq il-haxix fl-ghalqa tieghu.

Xehed **Eric Scicluna** nhar it-8 ta' Novembru 2024 u jghid li l-ghalqa tieghu timiss ma' tal-imputat. Qal li huwa u Chris Galea kienu ghall- kacca tas-summien u kienu qed iduru fl-ghelieqi taghhom Qal li raw lill-imputat inaddaf il-haxix minn gol-mansab li hija haga normali dak iz-zmien u wara ftit raw dahna tiela'. Din id-dahna teleghet ezatt minn fejn kien qed inaddaf il-mansab. Huma komplew iduru ghall-kacca. Jghid li ghal habta tal-hdax u nofs ta' fil-ghodu (11.30 am) ra dahna kbira tiela' u ircieva telefonata fejn xi hadd iehor qallu qed jaqbad minn go ta' Frans tal-madum. Jghid li r-rih kien qed jiffavurixxi u beda jigri in-nar lejn in-naha tal-ghalqa tieghu u mill-ewwel cempel lil 112. Jghid li kellu erbghin (40) gagga tas-summien u

[3] Folio 3 tal-process.

mietulu kollha. Kellu ghodda, mutru tal-bexx, mutur tal-ilma pipijiet, kellu harrub, tut. Jghid li n-nar beda f'xi l-hdax u nofs ta' fil-ghodu (11.30 am) u spicca f'xi d-disgha u ghoxrin ta' fil-ghaxija (9.20)pm u kien hemm hafna fire engines. Inharqu madwar tlett mitt (300) tomna. Jghid li huwa u hiereg iltaqa' mal-imputat u dan tal-ahhar ma kienx jaf x'inhu jaghmel. Jghid li qalli li fil-ghodu in-nar hu kien qabbdu pero'qallu li kien tfieh. Qal li kelluj xi tletin (30) prinjola. Hu ipprezenta diversi ircevuti, ritratti u pjanta.[4] Jghid li bejn l-ghalqa tieghu u tal-imputat hemm ukoll l-ghalqa ta' Chris Galea li ukoll sofra danni.

Kontro-ezaminat jikkonferma li f Ottubru kien kollox xott. Jghid li hu kien mitejn, tlett mitt (200-300) metru tahtu meta kien qed inaddaf il-mansab. Rah minn isfel ghal fuq. Jghid li l-imputat naddaf il-mansab bl-imghazqa. Rah jaqta' il-haxix bl-imghazqa u ra munzell haxix. Qabel telaq ra dahna tiela' tan-nar. Ma jaqbilx li gimghatejn qabel diga' kien qabad imma jghid li kien hemm hruq 'l boghod. Dakinhar fin-nofs ma qabadx. Ma jafx jekk qabduhx b'vendikazzjoni. Ma ghandux kwistjonijiet mal-bdiewa tal-madwar. Mhux vera li miggieled kwazi ma' kulhadd. Skont ix-xhud l-imputat qabbad ir-raba tieghu ukoll. Jaqbel li hemm il-mansab mat-triq ezatt.[5]

Xehed **Chris Galea** fit-8 ta' Novembru 2024 u qal li ilu jinzel l-ghalqa minn mindu kien tifel u dak in-nhar kien qieghed ghal kacca ghas-summien bil-klieb. Kien qed idur fir-raba'.[6] Ra lill-imputat inaddaf il-mansab u jahraq il-hmieg normalment. Kien normali. Hu mar id-dar u ghax-xoghol. Kien hemm kaccaturi ohra. Jghid li hu telaq. Jghid li ghadda mill-parti li inharqet. Qal li cempulu wara l-hdax u nofs u qalulu li qed jaqbad l-irdum. Qal li meta nizel induna li n-nar qabad minn fejn kien qed iqabbad in-nar Frans fil-

[4] Folio 46 tal-process.
[5] Folio 52 tal-process.
[6] Folio 53 tal-process.

ghodu. Fil-ghodu in-nar kien qed jaqbad pero' ma jafx jekk intefiex. Il-gozz kien fil-mansab tal-imputat. Jghid li kellu hsarat fis-sigar u l-pipijiet. Kellu sigar tal-prinjol. Jghid li r-rih kien punent majjistru u qawwi hafna. In-nar beda jitfa' go fihom. Ir-rih kien minn fuq ta' Francesco Galea ghal fuqu. Jghid li l-haxix tant kien hemm nixfa li beda jiehu qisu porvli. Jispjega kif pprova jikkontrolla hl-mixja tan-nar. Jghid li meta wasal hu n0nar kien ghadu f' ta' Frans u bejn l-ghalqa ta' Frans u tieghu hemm xi hadd iehor. Jghid li lill-imputat lahqu hiereg. Jghid li n-nar qabad ghax il-munzell kien mal-haxix u ma kienx f'nofs il-mansab. Jghid li l-arja li inharqet fiha mat-tlett mitt (300) tomna.

Kontro-ezaminat jghid li hu minn Eric ma jigi xejn. Jghid li dan ghandu xi mitejn (200) tomna u Franncesco ghandu mal-mitt (100). Francesco ma kienx qed jonsob imma inaddaf il-mansab. Kien qed inaddfu biz-zappun. Kien hemm ftit haxix. Hu ghamel munzell u qabbdu. Jghid li fejn ghandu l-mansab xaghri, blat. Rah jaghtih in-nar. Dan kien bejn wiehed u iehor is-sebgha u nofs ta' fil-ghodu (7.30am). Hu telaq minn hemm f'xi d-disgha ta' fil-ghodu (9am). Jghid li meta telaq kien hemm nar mhux bil-huggiega. In-nar kien qed jaqbad magenb il-mansab ta' Francesco Galea. Jghid li l-munzell kien gholi. Jghid li dam saghtejn jaqbad munzell ta' zewg piedi u nofs. Jghid li l-hsara ghada tidher sal-lum. Ma jafx jekk qabadx b'vendikazzjoni. Ma jafx lin-nies fejn qabbdu n-nirien fil-passat. Jghid lil Francesco Galea inharqitlu bicca.

Xehed **Marlon Sammut** nhar it-8 ta' Novembru 2024 u jghid li l-filmati huma mis-CCTVs ta' missieru u li hemm trejqa wahda.[7]

[7] Folio 81 tal-process.

Xehed **Edward Magri** u qal li jahdem bhala ERO145 mad- Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u jiddeskrivi l-operazzjoni tat-tifi tan-nar. Jghid li ma nizilx fejn kien hemm in-nirien.[8]

Xehed **Heinrich Camilleri** nhar l-24 ta' Jannar 2025 fejn qal li kien hemm nar fil-haxix. Ma jiftakarx id-direzzjoni tar-rih. Hu ma stabilixxiex minn fejn beda n-nar.

Kontro-ezaminat qal li mhux xoghlu li jaghmel investigazzjonijet fuq in-nar u minn fejn beda.[9]

Xehed **Nicholas Grech** in rapprezentanza tal-Wildlife Bird Regulation Unit. Huwa ipprezenta l-pjanti u l-permessi tal-insib tal-imputat.[10]

Xehed **Eric Scicluna** nhar l-24 ta' Jannar 2025 fejn ipprezenta zewg ircevuti.[11]

Xehed **Chris Galea** li ipprezenta ir-rapport tat-temp ta' dak in-nhar u xi videos u ritratti li gibed huwa fuq il-post.[12]

Xehed **Neil Zahra** li ikkonferma l-ircevuta a folio 9 tal-process.[13]

---

[8] Folio 88 tal-process.
[9] Folio 90 tal-process.
[10] Folio 91 tal-process.
[11] Folio 98 tal-process.
[12] Folio 100 tal-process. Il-Qorti tinnota li folio 101 huwa dokument li fuqu hemm mizjud id-data tas-6 ta' Ottubru 2023 bil-biro hamra u li allegatament ir-rih kien punent forza 3 ghal 2. Dan ifisser li ir-rih ma kienx qawwi.
[13] Folio 104 tal-process.

Xehed **Eric Scicluna** nhar it-23 ta' Mejju 2025 li qal li hafer lill-imputat u ma ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri ghax lahaq kompromess mieghu.[14]

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel zewg akkuzi li jaqraw testwalment is-segwenti:

"13. Ebda persuna ma tista' twettaq jew tippermetti li titwettaq xi attività li fl-opinjoni tal-Awtorità tista' tkun ta' ħsara għal kwalunkwe eżemplari elenkat fl-Ewwel Skeda sakemm mhux koperta b'permess mill-Awtorità.

14. Ebda persuna ma tista', ħlief bil-permess minn qabel tal-Awtorità, twaqqa', taqta', tneħħi l-qoxra taz-zokk tas-siġra jew il-weraq tagħha, taqla', tneħħi l-injam minn, tiżbor iżżejjed, tivvelena, taħraq, twaħħal ma', ittaqqab, tisserra jew bi kwalunkwe mod teqred jew toqtol, timmutila, tiddistabilizza jew tagħmel ħsara sinifikanti, lil kwalunkwe siġra jew parti minnha jekk hija waħda mill-eżemplari elenkati fl-Ewwel Skeda.[15]"

Kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tharrek rapprezentant tal- Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi in vista' li hija l-awtorita' regolatorja ai fini tal. Avvoz Legali 258 tal-2018. Il-prosekuzzjoni naqsek li taghhmel dan u allura zgur li l-ewwel zewg akkuzi ma jistghux jirrizultaw minhabba li tali prova hija nieqsa.

[14] Folio 107 tal-process.
[15] A.L. 258/2018 - Sottolinejar tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-kumplament tal-akkuzi mill-provi li l-Qorti ghandHa quddiemHa jidher car li l-imputat qabbad xi nar hdejn il-mansab tieghu qabel il-ftuh tal-istagun tal-insib jew ahjar kif recentement qed insibuh stagun tar-ricerka tal-ghasafar.[16] Dan jidher li sar kmieni fil-ghodu ossija ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' fil-ghodu (7.30am).[17] Jidher ukoll li kien hemm nar li beda jizviluppa wara il-hdax u nofs ta' fil-ghodu (11.30am) fl-istess jum jigifieri madwar erba' (4) sieghat wara li x-xhieda principali, ossija Scicluna u Galea lemhu lill-imputat iqabbad xi nar. Infatti t-tnejn jistqarru li wara l-hin tal-kacca huma telqu mill-ghelieqi rispettivi taghhom u marru d-dar u/jew ix-xoghol. Jidher li in-nar li tqabbad kmieni mill-imputat kien ikkontrollat tant li ma qajjem l-ebda hsibijiet f'mohh Scicluna u Galea u dawn komplew bil-hajja lavorattiva u socjali taghhom.

Il-Qorti ghandha d-dubbju dwar x'seta' gara bejn madwar id-disgha (9 am) u l-hdax (11am) ta' fil-ghodu li huwa trapass ta' zmien relevanti hafna fejn jigi hruq ta' nar go ghalqa fejn milli jidher kien hemm nixfa assoluta. Il-Qorti temmen li jekk vera kien l-istess nar li tqabbad fis- sebgha u nofs (7.30am) mill- inputat li infirex allura kellu jinfirex ferm qabel il-hdax ta' fil-ghodu (11am). Dan ukoll fid-dawl tax-xhieda ta' Eric Sultana li stqarr li r-rih ken jiffavurixxi l-mixja tan-nar. In oltre wiehed jifhem li il-firxa tan-nar hija mghaggla u fi ftit hin u mhux sieghat in-nar jinfirex sakemm ma isibx xi ostaklu li jwaqqaf il-firxa mghaggla tieghu.

Jekk minn naha l-ohra dak in-nar tas-sebgha u nofs ta' fil-ghodu (7.30am) kien intefa jew kien ikkontrollat sad-disgha ta' fil-ghodu (9am) u l-imputat qabbad huggiega wara, tali prova hija kompletament nieqsa mill-atti

[16] Folio 91 tal-process.
[17] Folio 43 tal-process xhieda ta' Eric Scicluna u folio 54 xhieda ta' Chris Galea.

processwali. Il-fatt li l-imputat ammetta li hu qabbad in-nar ma jfissirx li kien l-istess nar li infirex fl-ghelieqi tal-girien tieghu. Hemm fatturi ohra li kellhom jigi mistharrga u investigati mill-pulizija u/jew mill-membri tal-protezzjoni civili li zgur huma ferm kompetenti biex jistharrgu l-kawza tan-nirien u minn fejn dawn setghu gew iggenerati.

Din l-investigazzjoni ma saritx u ghalhekk ma jistax jinghad li l-Prosekuzzjoni ressqet l-ahjar prova sabiex tipprova l-kaz taghha.

Il-Qorti temmen li x-xhieda biss ta' Galea u Scicluna fuq dan il-punt mhux bizzejjed biex issib htija li l-bidu u c-centru tan-nirien sehhew mill-ghalqa tal-imputat. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt illi hadd mix-xhieda ma xehed illi l-firxa tan-nar bdiet mill-ghalqa tal-imputat.

Eric Sciculna jghid li ir-rih kien punet majjistru.[18] L-istess jghid Galea ghalkemm l-ewwel jghid li kien hafif u wara jghid li kien qawwi hafna.[19] Pero' fid-dokument li ipprezenta a folio 101 ir-rih kien mill- punent u ma kienx qawwi anzi kien forza 2 ghal 3 jekk wiehed, ghal grazzja tal-argument biss kellu jiehu dak id-dokument bhala tajjeb minhabba li ma fih xejn li jindika li jirrelata mal-gurnata in kwistjoni ghax id-data hija miktuba u ma ittella' l-ebda xhud professjonali li jixhed dwar il-kundizzjonijiet tat-temp fil-gurnata in kwistjoni.

Ghalhekk, mill-assjem tal-provi mressqa, din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni u l-parte civile ippruvaw il-kaz kontra l-imputat biss fuq bazi ta' probabilita',

[18] Folio 44 tal-process.
[19] Folio 57 tal-process.

liema livell ta' prova mhix bizzejjedu ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjesta fil-kamp kriminali sabiex tinstab htija fl-imputat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 13, 14 u 17 tal-avviz legali 258 tal-2018 Regolamenti dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar, ir-Regolament 6(1) dwar il-Hitan tas-Sejjieh u Strutturi Rurali (Konservazzjoni u Manutenzjoni), l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 128(e) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **FRANCESCO GALEA MHUX HATI** tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward ta' l-istess.

Il-Qorti tordna komunika immedjata ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Intern, is-Sigurta' u x-Xoghol halli jara li l-Pulizija kif ukoll id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili jinghataw aktar tahrig dwar kif isiru investigazzjonijiet li jolqtu d-distruzzjoni tal-flora u fawna lokali minn nirien. Din il-Qorti hija imhassba ferm bil-leggerezza li biha saru l-investigazzjonijiet fuq hruq ta' madwar tlett mitt (300) tomna ta' art agrikola u xaghri fejn jidher ukoll li inharqu sigar protetti u mharsa bil-ligi. Il-Qorti innutat ukoll l-assenza assoluta tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi f'din l-investigazzjoni u ghalhekk qed tordna ukoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kap Ezekuttiv tal-istess Awtorita' sabiex jara ghalfejn l-awtorita' ma kelliex rwol u sehem f'din l-investigazzjoni kif ukoll theggeg lill-istess awtorita' tkun aktar pro-attiva fl-investigazzjonijiet taghha sabiex verament il-wirt ambjentali Malti u l-flora u fawna Maltija tigi imharsa u ikkonservata.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-partijiet jinghataw kopja ta' din is-sentenza immedjatament u li kopja ta' din is-sentenza titpogga fuq is-sistema digitali tal-Agenzija ghas-Servizzi tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 04 ta' Lulju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur